**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 15 – 19 ta' Frar 2013**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 15. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Ħadd | |
| Assenti: | Roderick Aquilina | Kunsillier |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Għal-laqgħa kien hemm preżenti s-sur Paul Mifsud li jaħdem mal-Accountant tal-Kunsill u l-Events u Marketing Co-ordinator Dr. Massimo Ellul. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba. Is-Sindku spjega li għal din il-laqgħa kien hemm preżenti s-sur Paul Mifsud li huwa accountant u li jaħdem mal-Accountant tal-Kunsill, is-sur Paul Bugeja li ma setax jattendi għal-laqgħa għax kien indispost.

## 1. APPROVAZZJONI ESTIMI FINANZJARJI SENA 2012

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti talab l-approvazzzjoni tal-Kunsill sabiex il-Kunsill jidħol fi stadju ta' kumitat sabiex is-sur Paul Mifsud jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu dwar ir-rapport finanzjarju tal-Kunsill tas-sena 2012. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Thomas Agius. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata (70). Il-laqgħa ġiet sospiża fis-6.35pm.

1.2. Il-Viċi Sindku Thomas Agius talab jiġi skużat minħabba raġunijiet personali. Huwa telaq fis-7.15pm.

1.3. Il-laqgħa tkompliet fis-7.45pm.

1.4. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għall-minuti tal-Kunsill ta' Aġenda 57 tal-leġislatura preċedenti fejn il-Kunsill kien approva numru ta' miżuri finanzjarji flimkien mal-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju. Is-Sindku Alfred Grixti qal li jista jgħid li l-Kunsill irnexxielu jilħaq il-miri li poġġa quddiemu. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-iportanza li l-Kunsill jibqa' għaddej fuq l-istess direzzjoni għas-sena finanzjarja li ġejja.

1.5. Is-Sindku Alfred Grixti ppropona li wara li l-Kunsill sema' bir-reqqa il-preżentazzjoni tar-rapport finanzjarju għas-sena 2012 u wara li kull kunsillier kellu kull opporunità li jagħmel il-mistoqsijiet tiegħu, dan il-Kunsill qiegħed japprova dan ir-rapport finanzjarju li mbagħad jintbagħat lill-Awditur Ġenerali ħalli jsiru l-verifiki neċessarji. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Duncan Bartolo. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Kunsilliera Catherine Sammut

Il-mozzjoni ġiet approvata (71).

1.6. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni bies is-Segretarju Eżekuttiv u l-accountant tal-Kunsill jagħmlu eżerċizzju sabiex jiġu identifikati l-*cost centres* tal-Kunsill u jibqgħu jissorveljaw dawn l-ispejjeż u jiġu mnaqqsa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata (72).

1.7. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera b' korrispondenza li għaddiet bejn il-kuntrattur Bonnici Bros u l-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-kuntrattur f' din il-korrispondenza kien qiegħed jitlob il-pagamenti pendenti, u s-Segretarju Eżekuttiv kien wieġeb billi spjega l-posizzjoni li ħa l-Kunsill fil-laqgħa ta' Jannar 2013. Is-Sindku qara din il-korrispondenza.

1.8. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa jixtieq li l-Kunsill jieħu posizzjoni fuq din l-issue, għax ix-xogħol jinsab wieqaf għad-detriment tar-residenti. Is-Sindku Alfred Grixti qal li oriġinarjament ix-xogħol kien waqaf minħabba nuqqas ta' qbil bejn ir-residenti fuq kif kellu jiġi l-parkeġġ, iżda din il-problema kien ilha li ssolviet tlett ġimgħat u x-xogħol kien għadu wieqaf.

1.9. Is-Sindku Alfred Grixti propona li l-Kunsill joħroġ it-tieni default notice lill-kuntrattur. Is-Sindku spjega li dan id-dewmien fix-xogħol kien qiegħed jaffetwa wkoll il-proġett tal-*flood relief* minn Ħaż-Żebbuġ. Il-Kunsillier Robert Tabone qal li jaqble mal-proposta tas-Sindku.

1.10. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex wara li l-Kunsill iddiskuta l-aħħar żviluppi rigwardanti l-korrispondenza mal-kuntrattur Bonnici Bros u l-status tax-xogħolijiet ġewwa Ħal Mula, il-Kunsill jagħti t-tieni default notice lill-kuntratturi Bonnici Bros fej jispeċifika li x-xogħol pendenti għandu jkun lest sal-aħħar ta' Frar 2013 u fin-nuqqas ta' dan jimxi skond id-dispożizzjonijiet tal-kuntratt. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata (74).

1.11. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li b' referenza għall-attività politka li kien hemm ġewwa Vjal il-Ħelsien il-ġimgħa ta' qabel, il-Kunsill kien mexa hekk kif deċiż permezz ta' sistema ta' polza. Is-Sindku Alfred Grixti qal li xtaq jirringrazzja lis-Segretarju u l-istaff tal-Kunsill li ħabtu wiċċhom ma' nies diffiċli u li jippretendu li bit-tisbit u l-għajjat ibeżżgħu. Is-

Sindku Alfred Grixti spjega li kien hemm żewġ bejjiegħa li ħallew iż-żejt fuq il-bankina fejn kienu armati huma u jħoss li bħala prinċipju dawn għandhom jitilfu d-depożitu ta' €100.

1.12. Wara li saret diskussjoni, is-Sindku Alfred Grixti qal li in vista tal-evidenza fotografika li ġiet ippreżentata lill-Kunsill, huwa kien qiegħed jipproponi li s-sidien tal-gabbarni li kienu armati f' post numru 2 u numru 8 tinżammilhom id-depożitu ta' €100 minħabba ż-żejt li ħallew fuq il-bankina. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Robert Tabone. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Cain Grech, u Robert Tabone.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Kunsilliera George Cortis, Catherine Sammut, u Philip Said

Il-mozzjoni ġiet approvata (75).

1.13. Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li hi kienet tal-opinjoni li jitnaqqsu biss €50 u astjeniet minħabba li tibża li ssirilha xi vendikazzjoni peress li toqgħod faċċata tal-Kunsill.

1.14. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 14 ta' Marzu 2013 fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fit-8.25pm.

Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv